**KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

TAS-SLIEMA

**TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: [redacted]

## LAQGHA TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGHA NUMRU 11

Il-hdax l-laqgha tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgha 2 ta' Settembru 2013 fit-18.10pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tieghu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Lisa Cassar | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta numru 11 kompliet b'din l-Agenda:*

### *7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera*

Is-Sindku — Issugerixxa li f'Tower Lane isiru bollards, sabiex jithalla passagg ghal *pedestrians*, u dan peress illi l-access ghall-isqaq qed jigi ingumbrat fil-vetturiipparkegjati.

Kris Busietta — Kris Busietta ressaq proposta mill-Kumitat tal-*Heritage* sabiex fit-Triq il-Kbira, Triq Rudolph u Triq Depiro isiru lampi tat-toroq fuq stil antik, biex b'hekk dawn jghatu dehra aktar originali ta' dawn l-inhawi tal-lokal. Il-Kunsill qabel mal-proposta, izda ma kienx hemm qbil li dawn isiru fit-toroq msemmija.

Ghaldaqstant intlahaq qbil illi jinhareg tender biex jinxtraw lampi tat-toroq fuq stil

antik, b'*lots*, u li umbghad il-Kunsill, skond l-prezzijiet offruti, jiddeciedi kemm jixtri u fejn jistalla.

Hawn is-Segretarju gibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera jekk humiex interessati biex japlikaw ghal fondi skond Mem017/2013.
Il-Kunsill ma qabilx.

Kris Busietta kompla billi qal li ghandna bzonn nivverifikaw x'tghid il-ligi dwar il-hmieg li jhallu warajhom il-karrozzini. Sabiex nghamlu talba mal-MEPA biex is-sigra tat-tlett sigriet tigi skedata; u biex isiru mappep madwar il-lokal li jindikaw il-post fejn tkun qieghed u l-postijiet ta' interess fejn tista tmur bil-mixi.

**Is-Sindku**

Is-Sindku qal li ftit tal-jiem ilu gew residenti jiltaqghu mieghu, mal-Kunsillier Portelli fil-prezenza tas-Segretarju, fejn dawn ilmentaw illi il-haddiema tal-Kunsill ghamlu hsara lil-medda tad-drenagg taghhom u li huma iridu rifuzjoni tal-ispejjes li ghamlu biex isewwu l-istess hsara.

Il-Kunsill qabel li kien diga iddecieda fuq dawn il-kazi, u qabel illi it-talba li qed iresqu dawn ir-residenti ghandhom jghamluha permezz ta' perit. U dan sabiex umbghad, il-perit taghna ikun jista jivverifika kollox.

Is-Sindku ressaq ukoll il-hsieb li jitranga it-tarag li hemm l-Exiles ghal nzul gewwa il-bahar. Il-Kunsill qabel mat-tieni option. Il-Perit ghandu japlika mal-MEPA biex dan ikun jista isir.

**John Pillow**

Qal li fi Triq il-Kulegg l-Antik kantuniera ma Triq San Enriku jista jkun hemm bzonn lil titwahhal tabella ikbar tan-*No Entry*.

Qal ukoll li qed isiru xoghlijiet tal-GO, li fihom qed iwahhlu cabinets fuq il-bankina li jostakolaw zgur il-passagg tan-nies. Is-Segretarju ghandu jivverifika jekk hemmx xi ksur ta' permess.

J Pillow qal ukoll li l-barrier ta' Bisazza street (in-naha ta' isfel) ghada bil-hsara. Il-Kunsill qabel li tigi msewwija. Qal ukoll biex jehlu tabelli fi Triq Bisazza li jindikaw li din hija zona pedonali, u li l-access ghal vetturi huwa ristrett bil-hinijiet ghal ragunijiet ta' *Un/Loading* u ghar-residenti.

Is-Segretarju hawn tkellem ukoll dwar il-bzonn li ssir manutenzjoni fil-gnien ta' that it-Torri. Il-Kunsill qabel fuq budget ta' €3000 biex ghalissa isir manutenzjoni kif hemm bzonn. Il-Kunsill qabel li fil-futur qarib jista jalloka aktar fondi jekk ikun hemm bzonn ta' aktar tiswijiet.

**Lisa Cassar**

Qalet li hemm bzonn nibghatu ittra informattiva u ta' twissija fi Triq St Henry dwar il-hinijiet ta' hrug ta' skart.

Qalet li fi Triq Mattew Pulis nezlin xi wires fuq il-bankina.

**Paul Radmilli**

Tkellem dwar *Recycling Waste Week* organizzata mill-Wasteserv. P Radmilli propona li isir video qasir u inovvattiv dwar ir-riciklagg, u li dan jintuza ghal din il-kompetizzjoni, filwaqt illi jintuza mill-Kunsill stess ghall-promozjoni tieghu. P Radmilli fakkar lid an irid isir sa Novembru 2013.

| | |
|---|---|
| Michael Briguglio | Qal li ghandu isir access komdu mil-bahar ghal fuq il-blat ghall-annimali fiz-zona gdida ghall-ghawn tal-istess annimali f'Tigne. Qal ukoll li il-Kunsill irid jikkunsidra ix-xiri ta' *bins* ghas-sigaretti ghal fuq il-blat mal-bahar li jinqalghu fix-xitwa. |
| Pierre Portelli | Ressaq proposta biex la darba il-Kunsill jixtri l-armar tad-dwal tal-Milied, dan jibda jintrama mil-Kazini tal-banda, fejn wara li dawn jitilaw bil-polza, kull kazin jarma tas-Sliema darba kull wiehed, kull sena. Il-Kunsill qabel sakemm dawn jassumu responsabiltajiet bhal li jiehdu hsieb l-armar, ilestu ix-xoghlijiet fil-hin, u li jiehdu hsieb kollox, inkluz applikazzjonijiet mal-Enemalta etc. Il-Kunsill izda qabel li l-hlas ta' *high up* isir mill-Kunsill.<br><br>Ressaq proposta ukoll biex fil-hames t'ijiem ta' qabel il-Milied isiru kuncerti ta' tlett sieghat min *duets* fi Triq Bisazza. Il-Kunsill qabel fuq budget ta' €300 ghal kull *duet* u biex dawn il-kuncerti isiru kull lejl bejn 6.30pm u 9.30pm. |

### *8. Aggornament*

Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss tkun nhar is-26 ta' Settembru fis-18.00.

Il-laqgha ntemmet. Hin: 21.00

Minuti approvati llum 26/09/2013

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**